32000R1901

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1901/2000
tas-7 ta' Settembru 2000
li jistabbilixxi ċerti dispożizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 dwar l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3330/91 tas-7 ta' Novembru 1991 dwar l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri [1], kif l-aħħar emendat mill-Parlament Ewropew u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1624/2000 [2], u partikolarment l-Artikolu 30 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3046/92 [3] li jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet li jimplimentaw u jemendaw ir-Regolament (KEE) Nru 3330/91, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2535/98 [4], ġie sostanzjalment emendat numru ta' drabi.

(2) Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2256/92 [5], (KE) Nru 1125/94 [6] u (KE) Nru 2820/94 [7] jistabbilixxi dispożizzjonijiet addizjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 3330/91, li għandu x'jaqsam partikolarment ma' *thresholds* statistiċi, għeluq ta'żmien sabiex jintbagħtu r-riżultati, u l-valuri tat-*thresholds* għal transazzjonijiet individwali fil-kuntest ta' statistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ bejn l-Istati Membri.

(3) Meta jiżdiedu l-emendi mar-Regolament (KEE) Nru 3046/92, ir-regolamenti rilevanti għandhom jiġu preskritti f'manjiera ħalli jħaffu l-piż fuq l-impriżi u l-amministrazzjonijiet affettwati minn dawn ir-Regolamenti.

(4) Bil-ħsieb li tkun stabbilita statistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri, il-qasam ta' l-applikazzjoni tas-sistema Intrastat għandha tiġi definita preċiżament f'dak li għandu x'jaqsam kemm ma' l-oġġetti li għandhom jiddaħħlu u kemm ma' dawk li għandhom jitħallew barra.

(5) Id-data li minnha l-operatur intra-Komunitarju jibda jaħdem sabiex ikun konformi ma' l-obbligi tiegħu li jagħti t-tagħrif għandha tkun stabbilita u għandha tkun definita l-firxa ta' l-obbligi tal-parti terza li lilha l-parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif tista' tittrasferixxi din il-biċċa xogħol.

(6) Ċerti regoli li għandhom jiġu mħarsa mid-dipartimenti interessati jridu jkunu speċifikati fid-dettal partikolarment sabiex jagħtu lok għal maniġġjar effiċjenti tar-reġistri ta' operaturi intra-Komunitarji.

(7) Element ewlieni tas-sistema Intrastat jikkonsisti fl-użu tat-tagħrif dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud fit-transazzjonijiet ġewwa l-Komunità. Sabiex jiġi asssigurat li l-kompletezza ta' l-istatistika tista' tkun iċċekkjata, huwa xieraq li jiġi speċifikat f'manjiera ristrettiva t-tagħrif li jista' jgħaddi bejn l-awroritajiet amministrattivi fl-Istati Membri responsabbli għall-applikazzjoni tal-liġijiet dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud u dawk responsabbli għall-formazzjoni ta' l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti fost l-Istati Membri.

(8) Il-piż fuq operaturi intra-Komunitarji jrid jitħaffef kemm jista' jkun, jew bl-eżenzjoni tagħhom mill-obbligi statistiċi jew billi l-proċeduri jiġu ssimplifikati. Dan it-tħaffif tal-piż irid ikun illimitat biss mill-bżonn li l-istatistika tkun ta' kwalità sodisfaċenti, li konsegwentement irid jiġi definit. L-Istati Membri kollha jrid ikollhom l-għodda meħtieġa għalbiex tiġi assigurata l-kwalità, filwaqt li jikkunsidraw l-istruttura ekonomika u kummerċjali tagħhom stess.

(9) Hemm il-ħtieġa li tiġi speċifikata l-manjiera li biha t-*thresholds* li japplikaw għal ċerti *data* jridu jiġu kkalkolati. Għall-proċedura statistika, dan it-tagħrif jeħtieġ li jkun distint mill-proċedura użata għad-dikjarazzjonijiet statistiċi u tat-taxxa.

(10) Minkejja l-eżistenza ta' *thresholds* statistiċi, jibqgħu partijiet responsabbli li jipprovdu tagħrif li jaffettwa numru kbir ta' transazzjonijiet ta' valur baxx li huma obbligati li jikkomunikaw fl-ikbar dettal, obbligu li jirrappreżenta piż 'il barra minn kull proporzjon għall-importanza ta' l-użu tat-tagħrif hekk miksub. Hemm il-ħtieġa li l-piż jitnaqqas.

(11) Għandha tinbena lista ta' l-oġġetti li jkunu eskluži mill-prospetti statistiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' l-oġġetti.

(12) Id-*data* li għanda tiġi rappurtata u l-arranġamenti għar-rappurtaġġ ta' din id-*data* għandhom jiġu definiti f'aktar dettal.

(13) Fost l-unitajiet ta' kwantità, il-massa netta, f'kilogrammi, hija l-indikatur ewlieni u għandha fil-prinċipju tiġi msemmija għal kull tip ta' oġġetti. Madankollu, għal ċerti prodotti, mhix l-unità ta' kejl l-aktar xierqa. Il-parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif għandha għalhekk tkun eżentata milli tindika l-massa netta f'dawn il-każi.

(14) Ċaqliq speċifiku ta' oġġetti jista' jkun il-kawża ta' sehem sostanzjali fl-istatistika dwar il-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri. In-nuqqas ta' dispożizzjonijiet armonizzati fil-livell tal-Komunità huwa ta' preġudizzju għat-tqabbil ta' l-istatistika bejn l-Istati Membri. Kull fejn huwa possibbli, l-armonizzazzjoni tal-leġislazzjoni dwar l-istatistika għandha tiġi mtejba billi tkun konformi mar-rakkomandazzjonijiet internazzjonali relevanti.

[1] ĠU L 316, tas-16.11.1991, p. 1.
[2] ĠU L 187, tas-26.7.2000, p. 1.
[3] ĠU L 307, tat-23.10.1992, p. 27.
[4] ĠU L 318, tas-27.11.1998, p. 22.
[5] ĠU L 219, ta' l-4.8.1992, p. 40.
[6] ĠU L 124, tat-18.5.1994, p. 1.
[7] ĠU L 299, tat-22.11.1994, p. 1.

(15) Sabiex jiġi assigurat li l-istatistika tal-Komunità dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri tiġi kkumpilata regolarment u fi żmien raġonevoli, l-Istati Membri jridu jibagħtu r-riżultati tagħhom skond tabella ta' tqassim taż-żmien komuni. Trid issir distinzjoni bejn ir-riżultati totali u r-riżultati dettaljati sabiex jiġi assigurat l-aqwa sodisfazzjon tal-ħtiġiet ta' min juża u li tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġiet tal-ġbir u tal-proċessar tal-*data*.

(16) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' l-Istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

IL-KAPITOLU 1

KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

L-Artikolu 1

Bil-ħsieb li jiġu stabiliti statistiċi li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom japplikaw ir-Regolament (KEE) Nru 3330/91, minn issa 'l quddiem imsejjaħ ir-"Regolament Bażiku", bi qbil mar-regoli preskritti f'dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Is-sistema ta' l-Intrastat għandha tapplika wkoll għall-prodotti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE [1] ikunu xi jkunu l-forma u l-kontenut tad-dokument li jimxu magħhom, meta jimxu fost it-territorji ta'l-Istati Membri.

L-Artikolu 3

1. Is-sistema ta' l-Intrastat ma għandhiex tapplika:

(a) għal oġġetti mqiegħda jew miksuba skond il-proċedura tad-dwana għall-proċessar 'il ġewwa fil-pajjiz (is-sistema ta' sospensjoni) jew il-proċedura ta' proċessar taħt il-kontroll tad-dwana;

(b) għal oġġetti li jiċċirkolaw bejn taqsimiet tat-territorju statistiku tal-Komunità, li mill-anqas wieħed minnhom ma jkunx fit-taqsima tat-territorju tal-Komunità b'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE [2].

Madankollu, minħajr preġudizzju għar-regolamenti tad-dwana, dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament għandhom japplikaw għal dawn l-oġġetti għajr l-Artikoli 2, 4, 5, 8 sa 20, 24(1), (2) (minbarra l-inċiż 3), (3) u (4), u 28, 29, 30 u 47.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli għall-ġbir ta' *data* dwar l-oġġetti li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 fuq il-bażi tal-proċeduri tad-dwana applikabbli għal dawn l-oġġetti.

3. Jekk il-kopja ta' l-istatistika tad-Dokument Amministrattiv Waħdieni li fih id-*data* mniżżla fl-Artikolu 23(1) u (2) tar-Regolament Bażiku ma tkunx disponibbli, id-dipartimenti tad-dwana għandhom jibagħtu lid-dipartimenti ta' l-istatistika rilevanti lista perjodika ta' mill-anqas darba fix-xahar ta' dik l-istess *data* skond it-tip ta' oġġetti, bi qbil ma' l-arranġamenti miftiehma fuqhom mid-dipartimenti msemmija.

IL-KAPITOLU 2

DAWK LI JIPPROVDU TAGĦRIF U REĠISTRI

L-Artikolu 4

1. Kull persuna naturali jew legali li tħaddem operat intra-Komunitarju għall-ewwel darba, sew jekk l-oġġetti jkunu qegħdin jaslu u sew jekk ikunu qegħdin jintbagħtu, għandha tkun responsabbli li tipprovdi t-tagħrif mitlub skond it-tifsira ta' l-Artikolu 20(5) tar-Regolament Bażiku.

2. Il-parti li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tipprovdi d-*data* fuq l-operati intra-Komunitarji tagħha permezz tad-dikjarazzjonijiet perjodiċi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku sa mill-ewwel xahar li matulu it-*threshold* ta' l-assimilazzjoni tiġi maqbuża, bi qbil mad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-*threshold* li ssir applikabbli għaliha.

3. Meta n-numru tar-reġistrazzjoni taL-VAT ta' parti responsabbli għall-provvediment ta' tagħrif jiġi emendat bir-riżultat ta' bdil tal-possessur, l-isem, l-indirizz, l-istat legali jew it-tibdil simili li ma jaffettwawx l-operati intra-Komunitarji tiegħu fuq firxa sinifikanti, ir-regola definita fil-paragrafu 1 ma hemmx għalfejn tiġi applikata għall-parti f'dak il-każ fi żmien il-bidla. Għandha tissokta bla ħsara għall-obbligi statistiċi li għalihom kienet soġġetta qabel il-bdil.

L-Artikolu 5

1. Il-parti terza li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 9(1) tar-Regolament Bażiku minn hawn 'il quddiem tissejjaħ "il-parti terza dikjaranti".

2. Il-parti terza dikjaranti għandha tipprovdi lid-dipartimenti nazzjonali kompetenti t-tagħrif li ġej:

(a) bi qbil ma' l-Artikolu 6(1), it-tagħrif meħtieġ:

— sabiex tidentifika lilha nnifisha,

— sabiex tidentifika kull waħda mill-partijiet responsabbli li jipprovdu t-tagħrif u li jkunu għaddewlha din il-biċċa xogħol;

(b) għal kull wieħed mill-partijiet responsabbli li tipprovdi t-tagħrif, id-*data* meħtieġa mir-Regolament Bażiku u fl-implimentazzjoni tagħha.

[1] ĠU L 76, tat-23.3.1992, p. 1.
[2] ĠU L 145, tat-13.6.1977, p. 1.

L-Artikolu 6

1. It-tagħrif meħtieġ biex jiġi identifikat operatur intra-Komunitarju fit-tifsira ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku għandu jkun li ġej:

— l-isem sħiħ tal-persuna jew ditta,

— l-indirizz sħiħ inkluża l-kodiċi postali,

— skond iċ-ċirkustanzi preskritti fl-Artikolu 10(6) tar-Regolament Bażiku, in-numru tar-reġistrazzjoni tat-VAT.

Madankollu, id-dipartimenti ta' l-istatistika li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament Bażiku jistgħu jiddispensaw minn oġġett wieħed jew aktar ta' tagħrif imsemmijin aktar 'il fuq jew, skond ċirkustanzi stabiliti minnhom, jeżentaw operaturi intra-Komunitarji milli jipprovduhom.

Fl-Istati Membri li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 10(3) tar-Regolament Bażiku, it-tagħrif li jservi sabiex jidentifika operatur intra-Komunitarju għandu jiġi fornit lid-dipartimenti ta' l-istatistka msemmija hawn fuq mill-awtoritajiet tat-taxxa li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu msemmi u meta jkun disponibbli għal ta' aħħar, jekk kemm-il darba ma jkunx hemm ftehim kuntrarju bejn id-dipartimenti interessati.

2. Il-lista minima tat-tagħrif li jrid jiġi rekordjat fir-reġistru ta' l-operaturi intra-Komunitarji, skond it-tifsira ta' l-Artikolu 10 tar-Regolament Bażiku, għandu jkun fiha, għal kull-operatur intra-Komunitarju, dan li ġej:

(a) is-sena u x-xahar ta' l-annotazzjoni fir-reġistru;

(b) it-tagħrif meħtieġ sabiex jiġi identifikat l-operatur kif preskritt fil-paragrafu1;

(ċ) fejn japplika, jekk l-operatur huwiex parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif jew parti terza dikjaranti, mal-kunsinna jew mal-wasla;

(d) fil-każ ta' parti reponsabbli li tipprovdi t-tagħrif, il-valur totali ta' l-operati intra-Komunitarji tagħha, bix-xahar u skond iċ-ċaqliq, flimkien mal-valur li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku. Madankollu, ma hemmx għalfejn dan it-tagħrif jiġi rekordjat jekk iċ-ċekkjar tat-tagħrif rekordjat bħala statistika li tuża t-tagħrif kif li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 11(3) tar-Regolament Bażiku u l-funzjonament tat-*thresholds* statistiċi li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 28 tar-Regolament imsemmi jiġu organizzati separatament miż-żamma tar-reġistru ta' operaturi intra-Komunitarji.

Id-dipartimenti nazzjonali kompetenti jistgħu jirrekordjaw *data* fir-reġistru bi qbil mal-ħtiġiet tagħhom.

L-Artikolu 7

Bil-ħsieb li jiġi implimentat l-Artikolu 10(6) tar-Regolament Bażiku, fil-każ fejn ir-responsabbiltà tat-tagħrif, għal operati speċifikati bil-quddiem, ma taqax fuq l-operatur bħala entità legali *per se* imma fuq parti kostitwenti ta' din l-entità, bħalma jistgħu jkunu fergħa ta' uffiċċju, tip ta' unità ta' attività jew unità lokali, l-eżenzjoni tista' tkun kunsidrata bħala ġġustifikata.

L-Artikolu 8

1. Fil-listi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Bażiku, l-awtoritajiet responsabbli mit-taxxa għandhom isemmu l-operaturi intra-Komunitarji li, bħala riżultat ta' xoljiment, għaqda jew għeluq ta' l-attività tagħhom matul iż-żmien li fih ikunu qegħdin jiġu rriveduti, ma jridux jibqgħu jidhru aktar fil-listi msemmija.

2. Il-provvediment ta' tagħrif ta' natura fiskali li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 11(4) tar-Regolament Bażiku minn awtoritajiet amministrattivi ta' l-Istat Membru responsabbli għall-applikazzjoni tal-liġijiet dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud lid-dipartimenti responsabbli f'dan l-Istat Membru mill-kumpilazzjoni ta' l-istatistika li għandha x'taqsam mal-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri irid ikun illimitat għat-tagħrif li dawk li huma obbligati li jagħtu rendikont dwar il-VAT huma meħtieġa li jipprovdu bi qbil ma' l-Artikolu 22 tad-Direttiva 77/388/KEE.

L-Artikolu 9

1. Il-parti responsabbli mill-provvediment tat-tagħrif għandha tibgħat id-*data* skond ir-Regolament Bażiku u l-implimentazzjoni tiegħu:

(a) bi qbil mad-dispożizzjoni tal-Komunità mdaħħla fis-seħħ;

(b) direttament lid-dipartimenti nazzjonali kompetenti jew permezz ta' uffiċċji ta' ġbir li l-Istati Membri jkunu stabbilixxew għal dan il-għan jew għal għanijiet statistiċi oħra jew amministrattivi;

(ċ) għal perjodu ta' referenza speċifikat minn qabel, fid-diskrezzjoni tiegħu:

— jew permezz ta' dikjarazzjoni waħda, fil-limitu ta' żmien li d-dipartimenti nazzjonali kompetenti jistabbilixxu fl-istruzzjonijiet ġenerali tagħhom lill-partijiet responsabbli li jipprovdi t-tagħrif,

— jew permezz ta' numru ta' dikjarazzjonijiet mill-partijiet. F'dan il-każ, id-dipartimenti nazzjonali kompetenti jistgħu jeħtieġu li jintlaħaq ftehim bejniethom dwar il-frekwenza tat-trasmissjoni u l-għeluq taż-żmien, imma l-aħħar dikjarazzjoni mill-partijiet għandha tiġi mibgħuta fil-limitu taż-żmien preskritt skond l-ewwel subinċiż ta' hawn fuq.

2. Bħala deroga mill-paragrafu 1, parti responsabbli mill-provvediment ta' tagħrif li tibbenefika minn eżenzjoni bis-saħħa ta' l-applikazzjoni tat-*threshold* ta' assimilazzjoni kif ipprovduta fl-Artikolu 28(4) tar-Regolament Bażiku trid, meta tibgħat it-tagħrif, u tkun konformi biss mar-regolamenti ta' l-awtoritajiet responsabbli mit-taxxa.

3. B'konformità ma' l-Artikolu 34 tar-Regolament Bażiku, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu li għandhom x'jaqsmu mal-perjodiċità tad-dikjarazzjoni ma għandhomx jipprevienu l-konklużjoni ta' ftehim li jipprovdi li d-*data* iġi fornita fi żmien reali, meta d-*data* tkun mibgħuta elettronikament.

4. Permezz ta' deroga għall-paragrafu 1 ta' hawn fuq, dawk l-Istati Membri fejn id-dikjarazzjoni perjodika ta' l-istatistka hija l-istess bħad-dikjarazzjoni perjodika tat-taxxa, il-provvedimenti li għandhom x'jaqsmu mat-trasmissjoni tad-dikjarazzjoni statistika għandhom ikunu preskritti bl-istess mod skond ir-regolamenti tat-taxxa tal-Komunità jew dawk nazzjonali.

IL-KAPITOLU 3

THRESHOLDS STATISTIĊI U EŻENZJONIJIET

It-Taqsima 1

Funzjonament globali tat-thresholds

L-Artikolu 10

Kull sena l-Istati Membri għandhom iħejju t-*thresholds* ta' assimilazzjoni u ta' simplifikazzjoni li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 28 tar-Regolament Bażiku. Huma u jħejju t-*thresholds*, għandhom jassiguraw li, l-ewwelnett, jilħqu l-ħtiġiet ta' kwalità preskritti f'dan il-Kapitolu u, it-tieni nett, jesplojtaw totalment l-opportunitajiet li joħorġu minnu sabiex iserrħu l-piż ta' operaturi intra-Komunitarji.

L-Artikolu 11

Għall-għanijiet ta' din it-taqsima:

(a) "żball" tfisser id-diskrepanza bejn ir-riżultati miksuba bl-applikazzjoni jew mingħajrhom tat-*thresholds* li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 10. Meta tiġi applikata l-proċedura ta' korrezzjoni għar-riżultati ottenuti wara l-applikazzjoni tat-*thresholds*, l-iżball jiġi kkalkolat skond ir-riżultati li jkunu ġew ikkoreġuti;

(b) għall-għanijiet ta' l-aġġustament tat-*thresholds*, "valur totali" tfisser il-valur jew ta' l-oġġetti ħierġa jew ta' l-oġġetti dieħla skontati mill-operaturi intra-Komunitarji fuq perjodu ta' 12-il xahar, għajr dawk li jkunu eżenti skond l-Artikolu 5 tar-Regolament Bażiku;

(ċ) "kopriment" tfisser, f'dak li għandu x'jaqsam ma' valur totali speċifikat, il-valur proporzjonali ta' l-oġġetti ħierġa jew ta' l-oġġetti dieħla skontati mill-operaturi intra-Komunitarji li jkunu l fuq mit-*thresholds* ta' l-assimilazzjoni.

L-Artikolu 12

1. It-*thresholds* ta' assimilazzjoni stabbiliti mill-Istati Membri għandhom jilħqu l-ħtiġiet ta' kwalità li ġejjin:

(a) Riżultati skond il-kategorija ta' l-oġġetti

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-iżball fil-valuri annwali ma jaqbiżx il-5 % għal 90 % tas-sub-intestaturi bi tmien ċifri diġitali tan-Nomenklatura Magħquda li jirrappreżenta 0,005 % jew aktar tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla tiegħu.

Madankollu, kull Stat Membru jista' jgħolli dan ir-rekwiżit ta' kwalità sal-punt fejn l-iżball ma jaqbiżx il-5 % għal 90 % tas-sub-intestaturi bi tmien ċifri diġitali tan-Nomenklatura Magħquda li tirrappreżenta 0,001 % jew aktar tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla tiegħu.

(b) Riżultati skond il-pajjiż imsieħeb

Kull Stat Membru għandu jassigura li l-iżball fil-valuri annwali tar-riżultati tiegħu minn pajjiż imsieħeb, għajr pajjiżi li jirrappreżentaw anqas minn 3 % tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla tiegħu, ma jaqbiżx il-1 %.

2. Meta fi Stat Membru s-sehem tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla fil-Komunità huwa anqas minn 3 %, dan l-Istat Membru jista' joħroġ 'il barra mill-ħtiġiet ta' kwalità preskritti fl-ewwel sotto-paragrafu tal-paragrafu 1(a). F'każijiet minn dawn, l-ishma ta' 90 % u 0,005 % għandhom jinbidlu f'70 % u 0,01 % rispettivament.

3. Sabiex jintlaħqu l-ħtiġiet ta' kwalità ddikjarati fil-paragrafi 1 u 2, l-Istati Membri għandhom jibbażaw il-kalkolu tat-*thresholds* tagħhom fuq ir-riżultati tal-kummerċ ma' l-Istati Membri fuq perijodi ta' 12-il xahar qabel l-introduzzjoni tat-*thresholds*.

Għall-Istati Membri li ma jkunux kapaċi jagħmlu dan il-kalkolu għaliex iċ-ċifri ma jkunux kompleti, it-*thresholds* ta' assimilazzjoni għandhom jiġu stabbiliti f'livell mhux aktar baxx mit-*threshold* l-aktar baxxa, u anqas ogħla minn dik l-aktar għolja stabbiliti mill-Istati Membri l-oħra. Madankollu, id-dispożizzjonijiet ma għandhomx jorbtu lill-Istati Membri li jkunu eżenti skond il-paragrafu 2.

4. Jekk, għal ċerti gruppi ta' oġġetti, l-applikazzjoni tat-*thresholds* ikkalkolati bi qbil mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu tagħti riżultat li, *mutatis mutandis*, tfalli milli tilħaq il-ħtiġiet ta' kwalità ddikjarati fil-paragrafi1 u 2, u jekk it-*thresholds* ma jistgħux jiġu mniżżla aktar 'l isfel mingħajr ma jitnaqqas is-solliev li l-Artikolu 10 jiggarantixxi lil operaturi intra-Komunitarji, jistgħu jittieħdu miżuri xierqa, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba minn Stat Membru, bi qbil ma' proċedura preskritta fl-Artikolu 30 tar-Regolament Bażiku.

L-Artikolu 13

1. Għad-dħul tat-*thresholds* ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu dawn:

— f'livelli ogħla minn 100 000 EUR b'konformità ma' l-ewwel sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 28(9) tar-Regolament Bażiku, basta li jistgħu jassiguraw li mill-anqas 95 % tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla tagħhom jkunu koperti minn dikjarazzjonijiet perjodiċi li fihom ikun jinsab it-tagħrif kollu meħtieġ skond l-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku,

— meta ikunu eżenti skond l-Artikolu 12(2), f'livelli aktar baxxi minn 100 000 EUR b'konformità mat-tieni sotto-paragrafu ta' l-Artikolu 28(9) tar-Regolament Bażiku, safejn u sakemm ikun meħtieġ biex jiġi assigurat li mill-anqas 95 % tal-valur totali ta' l-oġġetti ħierġa jew dieħla tagħhom ikunu koperti b'dikjarazzjonijiet perjodiċi li fihom jinsab it-tagħrif rekwiżit skond l-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku.

2. Il-parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif skond ir-regoli ta' simplifikazzjoni ta' l-Artikolu 28(5) tar-Regolament Bażiku, għandha tirrapporta fid-dikjarazzjoni massima ta' għaxra mill-ifjen sub-intestaturi rilevanti fin-Nomenklatura Magħquda li, f'termini ta' valur, ikunu l-aktar importanti għall-perijodu kopert mid-dikjarazzjoni. Għall-prodotti li jifdal, għandha tiġi użata l-kodiċi 9950 00 00.

L-Artikolu 14

1. Għall-aġġustament tat-*thresholds* ta' assimilazzjoni, il-ħtiġiet ta' kwalità speċifikati fl-Artikolu 12 għandhom jitqiesu bħala milħuqa jekk il-kopertura tinżamm fil-livell ottenut meta t-*thresholds* jkunu ġew imdaħħla.

2. Il-kundizzjoni preskritta fil-paragrafu 1 għandha tintlaħaq jekk l-Istati Membri:

(a) jikkalkolaw it-*thresholds* tagħhom għas-sena li tiġi wara s-sena korrenti fuq il-bażi ta' l-aħħar riżultati disponibbli dwar il-kummerċ tagħhom ma' l-Istati Membri l-oħra għal perjodu ta' 12-il xahar, u

(b) jistabbilixxu t-*thresholds* tagħhom f'livell li jagħti lok għallistess kopertura għall-perjodu għaldaqstant definit bħall-perjodu użat bħala bażi għall-kalkolu tat-*thresholds* tagħhom għas-sena korrenti.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk jużaw metodu differenti, sabiex jilħqu din il-kundizzjoni.

3. L-Istati Membri jistgħu jbaxxu l-kopertura tagħhom iżda jekk jissoktaw jintlaħqu l-ħtiġiet ta' kwalità preskritti fl-Artikolu 12.

4. L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw l-aġġustamenti għat-*thresholds* tagħhom ta' assimiliazzjoni kull sena. It-*thresholds* għandhom jiġu aġġustati jekk l-aġġustament jinvolvi bidla ta' mill-anqas 10 % fil-valuri tal-*thresholds* għas-sena korrenti.

L-Artikolu 15

1. Għall-aġġustament tat-*thresholds* ta' simplifikazzjoni, l-Istati Membri li jistabbilixxu dawn:

— f'livelli ogħla mill-valuri preskritti bl-Artikolu 28(8) tar-Regolament Bażiku, għandhom jassiguraw li għandha tintlaħaq il-kondizzjoni preskritta fl-ewwel subinċiż ta' l-Artikolu 13(1) ta' dan ir-Regolament,

— f'livelli aktar baxxi f'dawn il-valuri, ġaladarba huma eżenti b'konformità ma' l-Artikolu 12(2) ta' hawn fuq, għandhom jassiguraw li jħarsu l-limitu preskritt fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.

2. Biex jiġi assigurat li tintlaħaq il-kondizzjoni li hemm referenza dwarha fl-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 13(1) jew li jitħares il-limitu li hemm referenza dwaru fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 13(1), għandu jkun biżżejjed għall-Istati Membri li jikkalkolaw l-aġġustament tat-*thresholds* tagħhom ta' simplifikazzjoni billi jużaw il-metodu preskritt fl-Artikolu 14(2) dwar l-aġġustament ta' *thresholds* ta' assimilazzjoni. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni jekk jużaw metodu differenti.

L-Artikolu 16

It-tagħrif li għandu x'jaqsam ma' l-aġġustament tat-*thresholds* ta' assimilazzjoni u ta' simplifikazzjoni għandhom jiġu ppubblikati mhux aktar tard mill-31 Ottubru tas-sena ta' qabel.

L-Artikolu 17

1. Il-partijiet responsabbli mill-provvediment tat-tagħrif għandhom ikunu ħielsa mill-obbligi tagħhom safejn u sakemm imħollija bl-applikazzjoni tat-*thresholds* ta' assimilazzjoni u simplikfikazzjoni stabbiliti għal sena magħrufa, iżda jekk ma jkunux qabżu dawn it-*thresholds* fis-sena ta' qabel.

2. Għal kull *threshold* ta' l-istatistika, il-provvedimenti adottati għandhom japplikaw għas-sena kollha.

Madankollu, jekk il-valur ta' transazzjonijiet intra-Komunitarji mwettqa minn parti responsabbli li tipprovdi tagħrif f'xi żmien matul is-sena jaqbeż it-*threshold* applikabbli għaliha, għandha tipprovdi t-tagħrif dwar it-transazzjonijiet intra-Komunitarji tagħha mix-xahar li fih it-*threshold* tkun inqabżet bi qbil malprovvedimenti li japplikaw għal *threshold* li ssir applikabbli. Jekk din id-dispożizzjoni tinvolvi t-trasmissjoni ta' dikjarazzjonijiet perjodiċi li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-limitu taż-żmien għat-trasmissjoni ta' dawn id-dikjarazzjonijiet bi qbil ma' l-arranġamenti amministrattivi partikolari tagħhom.

L-Artikolu 18

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lejn il-Kummissjoni t-tagħrif li għandu x'jaqsam mat-*thresholds* li jkunu kkalkolaw mill-anqas ġimagħtejn qabel il-pubblikazzjoni. Fuq talba tal-Kummissjoni, għandhom ukoll jikkomunikaw it-tagħrif meħtieġ għall-eżaminazzjoni ta' dawn it-*thresholds*, kemm għall-perjodu li fuqu jkun ibbażat il-kalkolu u kemm għas-sena kalendarja speċifikata.

It-Taqsima 2

Thresholds u eżenzjonijiet speċifiċi

L-Artikolu 19

Għall-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 24(3) ta' dan ir-Regolament u ta' l-Artikolu 23(3) tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu *thresholds* separati għal dak li jasal u dak li jintbagħat f'dawk il-valuri li mill-anqas 95 % ta' dawk li jipprovdu t-tagħrif ikunu eżenti mill-ħtieġa li jipprovdu *data* dwar "valur statistiku", "manjiera ta' trasport" u "proċedura statistika".

Sa fejn jinteressa l-"valur statistiku", l-Istati Membri għandhom jassiguraw li mill-anqas 70 % tal-valur totali minn dak li jibagħtu jew minn dak li jirċievu jkun kopert. Il-limitu ta' 95 % ta' provvedituri tat-tagħrif jista' jitnaqqas sa 90 % jekk ma tintlaħaqx l-iskala ta' kopertura ta' 70 % tal-valur totali ta' dak li jibagħtu jew li jirċievu.

L-Istati Membri għandhom jikkalkolaw dawn il-limiti mill-aħħar riżultati disponibbli għall-kummerċ tagħhom ma' Stati Membri oħra fuq perjodu ta' 12-il xahar.

It-tagħrif li għandu x'jaqsam mad-dħul ta' dawn it-*thresholds* għandu jiġi ppubblikat mhux aktar tard mill-31 Ottubru 2000.

L-Istati Membri jistgħu jaġġustaw it-*thresholds* tagħhom kull sena kalendarja sakemm il-ħtiġiet ta' kwalità preskritti f'dan l-Artikolu jintlaħqu. L-Istati Membri interessati għandhom jippubblikaw it-tagħrif li għandu x'jaqsam ma' l-aġġustament tat-*thresholds* mhux aktar tard mill-31 Ottubru tas-sena ta' qabel.

L-Artikolu 20

1. Il-valur ta' *threshold* għal transazzjonijiet individwali jista' jiġi applikat fuq il-kondizzjonijiet definiti fil-paragrafi 2 u 3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, din l-*threshold* għandha tagħti lill-partijiet responsabbli li jipprovdu t-tagħrif l-għażla li jirrekordjaw it-transazzjonijiet kollha li l-valur tagħhom huwa aktar baxx minn din it-*threshold* skond l-intestatura globali ta' Nomenklatura Magħquda, f'liema każ l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 23 tar-Regolament Bażiku għandha tiġi limitata għall-provvediment tal-*data* li ġejja:

— fil-każ ta' dħul, l-Istat Membru li jibgħat,

— fil-każ ta' ħruġ, l-Istat Membru tal-kunsinna,

— il-valur ta' l-oġġetti.

It-intestatura globali li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1 għandha tkun identifikata bil-kodiċi 9950 00 00 tal-Kodiċi NM.

Għall-għanijiet ta' dan l-Artikolu, "transazzjoni" tfisser kull operat deskritt fl-Artikolu 25(1)(a) ta' dan ir-Regolament.

It-*threshold* għal kull transazzJoni għandha tkun ta' EUR 100.

2. Fil-kuntest ta' dan l-Artikolu, l-Istati Membri jistgħu jirrifjutaw jew jillimitaw l-applikazzjoni ta' l-għażla pprovvduta fil-paragrafu 1 iżda jekk jikkunsidraw li l-għan li jżommu kwalità sodisfaċenti tat-tagħrif statistiku jirbaħ fuq ix-xewqa meħtieġa li jnaqqsu l-piż tar-rappurtaġġ.

3. L-Istati Membri jistgħu jordnaw lill-partijiet responsabbli għall-provvediment tat-tagħrif li jistaqsu bil-quddiem lid-dipartiment responsabbli għall-kumpilazzjoni ta' l-istatistika dwar il-kummerċ ta' oġġetti bejn Stati Membri sabiex jitħallew jagħmlu użu mill-għażla li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1.

4. Meta jkunu mitluba biex jagħmlu hekk mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jibagħtu dan it-tagħrif kif meħtieġ għall-monitoraġġ ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 21

Data li għandha x'taqsam ma' l-oġġetti elenkati fl-Anness I għandha titħalla barra milli tiġi kkumpilata u, konsegwentement, b'konformità ma' l-Artikolu 25(4) tar-Regolament Bażiku, milli tingħabar.

IL-KAPITOLU 4

DATA STATISTIKA

L-Artikolu 22

Fl-istrument tat-tagħrif, l-Istati Membri li t-territorju statistiku tagħhom huwa deskritt fin-nomenklatura adotta kull sena b'konformità ma' l-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1172/95 [1] għandhom jiġu mfassla bil-kodiċijiet li ġejjin:

Il-Belġju	BE jew 017
Id-Danimarka	DK jew 008
Il-Ġermanja	DE jew 004
Il-Greċja	GR jew 009
Spanja	ES jew 011
Franza	FR jew 001
L-Irlanda	IE jew 007
L-Italja	IT jew 005
L-Lussemburgu	LU jew 018
L-Olanda	NL jew 003
L-Awstrija	AT jew 038
Il-Portugall	PT jew 010
Il-Finlandja	FI jew 032
L-Isvezja	SE jew 030
Ir-Renju Unit	GB jew 006

L-Artikolu 23

Meta l-kwantità ta' oġġetti li tkun sejra titniżżel fil-mezz tad-*data* tiġi stabbilita:

(a) "massa netta" tfissser il-massa attwali ta' l-oġġett bl-esklużjoni ta' l-ippakkjar kollu. Din għandha tingħata f'kilogrammi. Madankollu, l-ispeċifikazzjoni ta' massa netta għas-sub-intestaturi tan-nomenklatura Magħquda ddikjarata fl-Anness II ma' għandhiex tkun obbligatorja iżda ta' għażla għall-partijiet responsabbli li jipprovdu t-tagħrif. Sabiex tiġi mgħarrfa l-parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif dwar it-tiġdid possibbli ta' l-Anness, li jirriżulta minn tibdil ta' kull sena fin-Nomenklatura Magħquda, għandha tiġi ppubblikata nota ta' spjegazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* (serje C);

(b) "unitajiet supplimentari" tfisser l-unitajiet li jkejlu l-kwantità, għajr l-unitajiet li jkejlu l-massa espressa f'kilogrammi. Għandhom ikunu msemmija bi qbil mat-tagħrif iddikjarat fil-verżjoni korrenti tan-Nomenklatura Magħquda, biswit is-sub-intestaturi interessati, li l-lista tagħhom tiġi ppubblikata fil-Parti I "Dispożizzjonijiet provviżorji" tan-nomenklatura msemmija.

L-Artikolu 24

1. Il-valur ta' l-oġġetti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 23(1)(d) tar-Regolament Bażiku għandu jiġi rappurtat fl-istrument tat-tagħrif statistiku skond il-kondizzjonijiet kif definiti fil-paragrafi 2 u 3.

2. Il-valur ta' l-oġġetti rappurtati fit-taqsima "ammont tal-fattura" fl-istrument tat-tagħrif statistiku għandu jkun taxxabbli għall-ammont li jkun stabbilit għall-għanijiet tat-taxxa bi qbil mad-Direttiva 77/388/KEE. Għal prodotti suġġetti għal dazju tas-sisa, madankollu, l-ammont ta' dawn id-dazji għandu jkun eskluż mill-valur ta' l-oġġetti.

[1] ĠU L 118, tal-25.5.1995, p. 12.

Kull meta l-ammont taxxabbli ma jkollux għalfejn jiġi ddikjarat għall-ħtiġiet tat-taxxa, il-valur ta' l-oġġetti rappurtati għandu jikkorrespondi mal-valur tal-fattura, mingħajr il-VAT, jew, fin-nuqqas ta' dan, għall-ammont li kien ikun imniżżel fil-fattura fil-każ ta' bejgħ jew xiri.

Fil-każ ta' xogħol b'kuntratt, il-valur ta' l-oġġett li jrid jiġi rappurtat, bil-ħsieb ta' u wara dawn l-operati, għandu jkun l-ammont totali li jrid jitniżżel fil-fattura fil-każ ta' kull bejgħ jew xiri.

3. Il-valur statistiku ta' l-oġġetti, kif definita fil-paragrafu 5, għandu wkoll ikun irrappurtat fit-taqsima pprovduta għal dan il-għan fl-istrument tat-tagħrif statistiku minn dawk li jipprovdu t-tagħrif li dak li huma jdaħħlu jew dak li huma jibagħtu kull sena jaqbeż il-limiti stabbiliti minn kull Stat Membru, bi qbil ma' l-Artikolu 19.

4. Permezz ta' deroga għall-paragrafu 3, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw li dawk li jipprovdu t-tagħrif milli jirrappurtaw il-valur statistiku ta' l-oġġetti.

F'dan il-każ, l-Istati Membri interessati għandhom jikkalkolaw il-valur statistiku ta' l-oġġetti, kif definit fil-paragrafu 5, skond it-tipi ta' l-oġġetti.

5. Il-valur statistiku għandu jkun ibbażat fuq l-oġġetti rrappurtati minn dawk li jipprovdu t-tagħrif b'konformità mal-paragrafu 2. Għandu jinkludi biss spejjeż inċidentali, bħall-ispejjeż tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni, kif jirreferu għal dik il-parti mirrotta li:

— għal dak li jibagħtu, ikun fit-territrju statistiku tal-kunsinna ta' l-Istat Membru,

— għal dak li jidħol, li jkun barra mit-territorju statistiku tad-dħul ta' l-Istat Membru.

6. Il-valur ta' l-oġġetti definiti fil-paragrafu ta' qabel għandu jiġi espress fil-munita korrenti nazzjonali, li għalhekk ir-rata tal-kambju li trid tiġi applikata għandha tkun:

— dik applikabbli biex tistabbilixxi l-ammont taxxabbli għall-għanijiet tat-taxxa, meta din tiġi stabbilita,

— inkella, ir-rata uffiċjali tal-kambju fiż-żmien li timtela d-dikjarazzjoni kollha jew dik applikabbli għall-kalkolu tal-valur għall-ħtiġiet tad-dwana, fin-nuqqas ta' xi dispożizzjonijiet speċjali deċiżi mill-Istati Membri.

7. Bi qbil ma' l-Artikolu 26 tar-Regolament Bażiku, il-valur ta' l-oġġetti mogħtija fir-riżultati li jridu jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni għandu jkun il-valur statistiku definit fil-paragrafu 5.

8. Fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovduha bit-tagħrif li jgħinha tagħmel stima ta' l-applikazzjoni tal-paragrafu 3.

L-Artikolu 25

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu,

(a) "transazzjoni" għandha tfisser kull operat, sew kummerċjali u sewwa le, li jwassal għaċ-ċaqliq ta' oġġett kopert mill-istatistika dwar il-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri;

(b) "natura tat-transazzjoni" tfisser dawk il-karatteristiċi kollha li jiddistingwu transazzjoni waħda minn oħra.

2. Għandha ssir distinzjoni bejn transazzjonijiet li huma differenti fin-natura tagħhom, bi qbil mal-lista fl-Anness III.

In-natura ta' transazzjoni għandha tiġi speċifikata, fuq l-istrument tat-tagħrif, bin-numru tal-kodiċi li jikkorreispondi mal-kategorija xierqa tal-kolonna A fil-lista msemmija hawn fuq.

3. Fil-limiti tal-lista li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu l-ġbir tal-*data* dwar in-natura tat-transazzjoni sal-livell li huma jużaw għall-ġbir ta' *data* dwar pajjiżi terzi fil-kummerċ, irrispettivament jekk f'dan il-każ jiġbruhomx bħala *data* tan-natura tat-transazzjoni jew bħala *data* fil-proċeduri tad-dwana.

L-Artikolu 26

1. "Pajjiż ta' l-oriġini" għandha tfisser il-pajjiż minn fejn joriġinaw l-oġġetti.

Oġġetti li huma miksuba għal kollox f'pajjiż joriġinaw f'dan il-pajjiż.

Oġġett li fil-produzzjoni tiegħu jkunu involuti żewġ pajjiżi jew aktar joriġina fil-pajjiż fejn isir l-aħħar proċess jew xogħol sinifikanti, ikun ekonomikament ġustifikat u magħmul f'impriża mgħammra għal dan il-għan u li jwassal għall-fabbrikazzjoni ta' prodott ġdid jew li tirrappreżenta stadju importanti fil-fabbrikazjoni tiegħu.

2. Il-pajjiż ta' l-oriġini huwa nominat bil-kodiċi assenjata lilu fil-verżjoni korrenti tan-nomenklatura tal-pajjiżi diskussa fl-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 1172/95, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) No 374/98 [1].

L-Artikolu 27

1. "Reġjun ta' l-oriġini" għandu jfisser dak ir-reġjun tal-kunsinna fi Stat Membru fejn l-oġġetti kienu pproduċuti, mibnija, imgħaqqda flimkien, ipproċessati, imsewwija jew miżmuma fi stat tajjeb. Fin-nuqqas ta' dan, ir-reġjun ta' l-oriġini għandu jiġi mibdul jew bir-reġjun fejn ikun sar il-proċess kummerċjali jew bir-reġjun minn fejn ikunu ntbagħtu l-oġġetti.

2. "Reġjun ta' destinazzjoni" għandha tfisser ir-reġjun ta' l-Istati Membri fejn issir il-wasla li fihom l-oġġetti jridu jiġu kkunsmati jew mibnija, imgħaqqda flimkien, ipproċessati, imsewwija jew miżmuma fi stat tajjeb. Jekk jonqos dan, ir-reġjun tad-destinazzjoni għandu jiġi mibdul bir-reġjun fejn ikun sar il-proċess kummerċjali jew bir-reġjun minn fejn ikunu ntbagħtu l-oġġetti.

3. Kull Stat Membru li jeżerċita l-għażla pprovvduta bl-Artikolu 23(2)(b) tar-Regolament Bażiku għandu jħejji lista tar-reġjuni tiegħu u jistabbilixxi l-kodiċi, li għandu jkollha massimu ta' żewġ karattri, li bih dawn ir-reġjuni jiġu indikati fuq l-istrument tat-tagħrif.

[1] ĠU L 48, tad-19.2.1998, p. 6.

L-Artikolu 28

1. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, "skondi tal-kunsinna" għandhom ifissru dawk id-dispożizzjonijiet li l-kuntratt tagħhom tal-bejgħ jistabbilixxi l-obbligi tal-bejjiegħ u tax-xerrej rispettivament, bi qbil ma' l-*Incoterms* tal-Kamra Internazzjonali tal-Kummerċ elenkati fil-lista ta' l-Anness IV.

2. Fil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 19 u dawk fil-lista li hemm referenza dwarha fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li l-*data* fuq l-iskondi tal-kunsinna tiġi miġbura fl-istrument tat-tagħrif u għandhom jagħtu d-dettalji ta' kif għandhom jissemmew.

L-Artikolu 29

1. "Mod preżunt tat-trasport" għandha tindika, mal-kunsinna, il-mod ta' trasport stabbilit mill-mezz attiv tat-trasport li bih l-oġġetti jkunu meqjusa li sejrin iħallu t-territorju statistiku ta' Stat Membru li jikkunsinna u, mal-wasla, il-mod tat-trasport stabbilit mill-mezz attiv tat-trasport li bih l-oġġetti jiġu meqjusa li jkunu daħlu fit-territorju statistisku ta' l-Istat Membru li jirċievi.

2. Fil-limiti ddikjarati fl-Artikolu 19, il-modi ta' trasport li jissemmew fuq l-istrument tat-tagħrif huma li ġejjin:

Kodici	Titolu
1	Trasport bil-baħar
2	Trasport bit-tren
3	Trasport fit-triq
4	Trasport bl-ajru
5	Kunsinna postali
7	Installazzjonijiet fissi tat-trasport
8	Trasport ta' korsa ta' baħar navigabbli intern
9	Propulsjoni (tiegħu)

Il-mod ta' trasport għandu jiġi muri fuq l-istrument imsemmi bin-numru korrispondenti tal-kodiċi.

L-Artikolu 30

1. "Proċedura ta' l-istatistika" għandha tfisser il-kategorija ta' kunsinna jew ta' wasla li ma jkunx hemm referenza dwarha adegwatament fil-kolonna A jew fil-kolonna B fil-lista ta' transazzjonijiet fl-Anness III.

2. Fil-limiti dikjarati fl-Artikolu 19, l-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu li d-*data* dwar proċeduri ta' l-istatistika tista' tiġi miġbura fuq l-istrument tat-tagħrif u għandhom jagħtu dettalji dwar kif għandhom jiġu rappurtati.

IT-TITOLU II

DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊJALI

IL-KAPITOLU 1

DEFINIZZJONI TA' ĊAQLIQ SPEĊIFIKU U KONSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI

L-Artikolu 31

1. Iċ-"ċaqliq speċifiku ta' oġġetti" li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 33 tar-Regolament Bażiku għandu karatteristiċi speċifiċi li għandhom xi sinifikat għall-interpretazzjoni tat-tagħrif u joħroġ, jew miċ-ċaqliq tali, min-natura ta' l-oġġetti, mit-transazzjoni li tirriżulta fiċ-ċaqliq ta' l-oġġetti jew minn dak li jipprovdi t-tagħrif.

2. Iċ-ċaqliq speċifiku ta' oġġetti huwa kif ġej:

(a) impjanti industrijali;

(b) bastimenti u ajruplani, kif definiti fil-Kapitolu 3;

(ċ) prodotti tal-baħar;

(d) ħażniet u provvisti ta' bastimenti u ajruplani;

(e) kunsinni maqsuma;

(f) oġġetti militari;

(g) stallazzjonijiet 'il barra mix-xtut;

(ħ) vetturi ta' l-ispazju u vetturi li jtajru vetturi ta' l-ispazju;

(i) bċejjeċ ta' vetturi bil-mutur u ta' ajruplani;

(j) prodotti mill-iskart.

3. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet kuntrarji f'dan ir-Regolament jew fin-nuqqas ta' dispożizzjonijiet preskritti bi qbil ma' l-Artikolu 30 tar-Regoament Bażiku, ċaqliq speċifiku għandu jiġi msemmi skond id-dispożizzjonijiet nazzjonali relevanti.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 13 tar-Regolament Bażiku, l-Istati Membri għandhom jadottaw dispożizzjonijiet xierqa sabiex japplikaw dan it-Titolu u jistgħu jużaw, jekk ikun hemm bżonn, għejun statistiċi oħra barra dawk preskritti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3590/92 [1].

IL-KAPITOLU 2

IMPJANTI INDUSTRIJALI

L-Artikolu 32

1. "Impjant industrijali komplet" tfisser it-tagħqid ta' magni, apparat, għodda, tagħmir, strumenti u materjal, minn issa 'l quddiem imsejħin bħala "bċejjeċ komponenti", li jaqgħu taħt intestaturi varji fil-klassifika tas-Sistema Armonizzata u li huma mfassla sabiex jiffunzjonaw flimkien bħala unità fuq skala kbira biex jipproduċu oġġetti jew jipprovdu servizzi.

[1] ĠU L 364, tat-12.12.1992, p. 32.

L-oġġetti l-oħra kollha li jiġu użati biex jinbena impjant industrijali komplet jistgħu jiġu ttrattati bħala bċejjeċ komponenti tiegħu, sakemm ma jkunux eskluži mill-kumpilazzjoni ta' l-istatistika bissaħħa tar-Regolament Bażiku.

2. Proċedura simplifikata ta' dikjarazzjoni tista' tintuża sabiex tirrekordja wasliet jew kunsinni ta' impjanti industrijali kompleti. Dawk responsabbli li jfornu t-tagħrif statistiku għandhom jiġu awtorizzati, fuq it-talba tagħhom, li jużaw din il-procedura simplifikata bi qbil mal-kundizzjonijiet preskritti f'din it-taqsima.

3. Il-proċedura ssimplifikata tista' tiġi applikata biss għall-impjanti industrijali kompleti, li l-valur statistiku totali tagħhom ma jaqbiżx il-EUR 1,5 miljuni, jekk kemm-il darba ma jkunux impjanti industrijali kompleti li jkunu sejrin jerġgħu jintużaw mill-ġdid.

Il-valur totali ta' impjant industrijali jiġi kkalkolat billi jingħaddu flimkien il-valuri statistiċi rispettivi tal-bċejjeċ komponenti tiegħu u l-valuri statistiċi rispettivi ta' l-oġġetti li hemm referenza dwarhom fit-tieni sotto-paragrafu tal-paragrafu 1. Il-valur li tiegħu għandu jittieħed rendikont huwa l-valur fuq il-fattura ta' l-oġġett jew, jekk dan ma jkunx disponibbli, l-ammont li jitniżżel fuq il-fattura fil-każ ta' bejgħ jew xiri.

L-Artikolu 33

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, bċejjeċ komponenti li jaqgħu taħt kapitolu speċifikat għandhom jiġu klassifikati taħt is-sub-intestatura rilevanti ta' impjanti industrijali kompleti tal-Kapitolu 98 jekk kemm-il darba d-dipartiment kompetenti li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 35 ma jeħtieġx li l-oġġetti jiġu klassifikati, fil-Kapitolu 98, taħt is-sub-intestaturi rilevanti ta' impjanti industrijali kompleti għat-titoli ta' klassifika tas-Sistema Armonizzata, jew jenħtieġ li jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

Madankollu, il-proċedura ssimplifikata ma għandiex tfixkel liddipartiment kompetenti milli jikklassifika ċerti bċejjeċ komponenti taħt is-sub-intestaturi relevanti fin-Nomenklatura Magħquda skond it-tifsira ta' l-Artikolu 1(2)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ([1]).

2. Meta d-dipartiment kompetenti li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1 jikkunsidra li l-valur ta' l-oġġetti ta' impjant industrijali komplet huwa baxx wisq sabiex jiġġustifika li jkunu rrekordjati taħt is-sub-intestaturi tal-kapitoli relevanti, għandhom jiġu applikati s-sub-intestaturi speċifiċi ta' impjanti industrijali kompleti, kif ipprovdut fin-Nomenklatura Magħquda.

L-Artikolu 34

Bi qbil man-Nomenklatura Magħquda, in-numri tal-kodiċi għas-sub-intestaturi ta' impjanti industrijali kompleti għandhom ikunu mibnija skond ir-regoli li ġejjin.

1. Il-kodiċi għandu jkun fih tmien ċifri diġitali.

2. L-ewwel żewġ ċifri diġitali għandhom ikunu 9 u 8 rispettivament.

3. It-tielet ċifra diġitali, li għandha sservi biex tidentifika impjant industrijali komplet, għandha tkun 8.

4. Ir-raba' ċifra diġitali tvarja minn 0 sa 9 skond l-attività prinċipali mwettqa mill-impjant industrijali komplet u bi qbil mal-klassifika mogħtija:

Kodici	*Attivitajiet ekonomici*
0	Enerġija (li tinkludi l-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' fwar u miskun)
1	Estrazzjonijiet ta' minerali li ma jipproduċux enerġija (li jinkludu preparazzjonijiet ta' metalli mhux maħdum (*metalliferous*) u estrazzjonijiet ta' pit); manifattura ta' prodotti minerali mhux metalliċi (li jinkludu l-manifattura tal-ħġieġ u ħwejjeġ tal-ħġieġ)
2	Industrija tal-ħadid u azzar; manifattura ta' oġġetti tal-metal (li ma jinkludix enġinerija mekanika u kostruzzjoni ta' mezzi tat-trassport)
3	Enġinerija mekanika u kostruzzjoni ta' mezzi tat-trassport; inġinerija strumentali
4	Industrija kemikali (li jinkludi fibri industriċi magħmulin mill-bniedem); industrija tal-gomma u plastika
5	Industrija ta' l-ikel, xorb u tabakk
6	Industrija tat-tessuti, ġild, żraben u ħwejjeġ
7	Industrija ta' injam lest u karta (li jinkludi l-ipprintjar u l-pubblikazzjoni); industriji tal-manifattura mhux klassifikati xi mkien ieħor
8	Trasport (ħlief servizzi konnessi mat-trassport, servizzi ta' aġenti ta' l-ivvjaġġar, sensal tan-noll u aġenti oħra li jiffaċilitaw it-trassport ta' passiġġieri jew merkanzija, ħżin u faċilitajiet fl-imħażen) u komunikazzjoni
9	Il-kollezzjoni, l-purifikazzjoni u d-distribuzzjoni ta' l-ilma; servizzi konnessi mat-trasport; attivitajiet ekonomiċi mhux klassifikati xi mkien ieħor.

5. Il-ħames u s-sitt ċifri diġitali għandhom jikkorrispondu maċ-ċifra diġitali tal-kapitolu tan-Nomenklatura Magħquda li magħha tkun assoċjata is-sub-intestatura ta' l-impjant industrijali komplet. B'danakollu, għall-għanijiet ta' l-Artikolu 33(2), dawn il-ħames u s-sitt ċifri diġitali għandhom ikunu 9.

6. Għal sub-intestaturi ta' impjanti industrijali kompleti li huma lokalizzati:

— fil-livell ta' kapitolu fin-Nomenklatura Magħquda, is-seba' u t-tmien ċifri diġitali għandhom ikunu 0,

— fil-livell ta' intestatura fis-Sistema Armonizzata, is-seba' u t-tmien ċifri diġitali għandhom jikkorrispondu mat-tielet u r-raba' ċifri diġitali ta' dik l-intestatura.

7. Id-dipartiment kompetenti li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 33(2) għandu jistabbilixxi n-nomina u n-numru tal-kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda li għandha tiġi użata fl-istrument tat-tagħrif statistiku biex jidentifika l-bċejjeċ komponenti ta' impjant industrijali komplet.

L-Artikolu 35

1. Dawk responsabbli li jissupplixxu t-tagħrif statistiku jistgħu ma jużawx il-proċedura ssimplifikata ta' dikjarazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni minn qabel tad-dipartiment responsabbli mill-kumpilazzjoni ta' l-statistika dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri bi qbil mar-regoli dettaljati li kull Stat Membru jistabbilixxi fil-qafas ta' dan il-Kapitolu.

([1]) ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.

2. Fil-każ ta' impjant industrijali komplet li l-bċejjeċ komponenti tiegħu jiġu negozjati bejn numru ta' Stati Membri, awtorizzazzjoni biex tintuża l-proċedura simplifikata ta' dikjarazzjoni għandha tiġi mogħtija minn kull Stat Membru għaċ-ċaqliq li jinteressah.

IL-KAPITOLU 3

BASTIMENTI U AJRUPLANI

L-Artikolu 36

Għall-għanijiet ta' dan il-kapitolu,

(a) "bastimenti" tfisser il-bastimenti użati għat-trasport bil-baħar, li hemm referenza dwarhom fin-Noti Addizzjonali 1 u 2 tal-Kapitolu 89 tan-Nomenklatura Magħquda, u bastimenti tal-gwerra;

(b) "ajruplani" tfisser ajruplani li jaqgħu fil-kodiċi 8802 tan-NM għal użu ċivili, basta li jkunu użati minn linja ta' l-ajru, jew għal użu militari;

(ċ) "pussess ta' bastiment jew ajruplan" tfisser il-fatt tar-reġistrazzjoni ta' persuna fiżika jew legali bħala s-sid ta' bastiment jew ajruplan;

(d) "pajjiż imsieħeb" ifisser:

— mal-wasla, l-Istat Membru li jibni jekk il-bastiment jew l-ajruplan ikun mibni fil-Komunità. Fil-każijiet l-oħra, għandha tfisser l-Istat Membru fejn hija stabbilita l-persuna naturali jew legali li tittrasferixxi l-pussess ta' bastiment jew ta' ajruplan,

— mal-kunsinna, l-Istat Membru fejn tkun stabbilita l-persuna naturali jew legali li lilha jkun trasferit il-pussess ta' bastiment jew ta' ajruplan.

L-Artikolu 37

1. F'xi Stat Membru partikolari, l-istatistika tal-kummerċ bejn l-Istati Membri, u t-trasmissjoni tar-riżultati lejn il-Kummissjoni, għandhom ikopru:

(a) it-trasferiment tal-bastiment jew ta' l-ajruplan minn għand persuna naturali jew legali fi Stat Membru wieħed lejn persuna naturali jew legali stabbilita f'dan l-Istat Membru. Din it-transazzjoni għandha titqies bħala wasla;

(b) it-trasferiment tal-pussess ta' bastiment jew ta' ajruplan minn għand persuna naturali jew legali stabbilita f'dan l-Istat Membru lejn persuna naturali jew legali stabbilita fi Stat Membru ieħor. Din it-transazzjoni għandha titqies bħala kunsinna.

Jekk il-bastiment jew l-ajruplan jiġu rekordjati fl-Istat Membru fejn jinbnew;

(ċ) il-kunsinna jew il-wasla ta' bastiment jew ta' ajruplan pendenti jew wara li jsir xogħol b'kuntratt.

2. Il-prospett ta' kull xahar dwar it-transazzjonijiet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1(a) u (b), li jiġu trasmessi lejn il-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandhom jinkludu d-*data* li ġejja:

(a) il-kodiċi li tikkorrispondi mas-sotto-diviżjoni tal-klassifika tal-prodotti li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku;

(b) il-kodiċi ta' l-Istat Membru msieħeb;

(ċ) il-kwantità, f'numru ta' oġġetti u f'kull unità supplimentari oħra stabbiliti fin-nomenklatura, għall-bastimenti, u l-kwantità, f'massa netta u unitajiet supplimentari, għall-ajruplani;

(d) il-valur statistiku.

IL-KAPITOLU 4

ĦAŻNIET U PROVVISTI FUQ BASTIMENTI U AJRUPLANI

L-Artikolu 38

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu,

— "ħażniet fuq bastimenti u ajruplani" tfisser il-prodotti varji għall-konsum mill-ekwipaġġ u l-passiġġieri ta' bastimenti jew ta' ajruplani,

— "provvisti għal bastimenti u ajruplani" tfisser il-prodotti għall-operat tal-magni, makkinarju u tagħmir ieħor fuq bastimenti u ajruplani, bħalma huma karburanti, żjut u lubrikanti,

— "bastimenti u ajruplani minn Stat Membru ieħor" għal Stat Membru partikolari, kuntrarju għal bastiment jew ajruplan "ċittadin", tfisser dawk il-bastimenti jew ajruplani li għall-użu kummerċjali tagħhom tkun responsabbli persuna naturali jew legali stabbilita fi Stat Membru ieħor.

L-Artikolu 39

1. Fi Stat Membru partikolari, l-istatistika dwar kummerċ bejn l-Istati Membri, u t-tramissjoni tar-riżultati lejn il-Kummissjoni, għandha tkopri:

(a) kull kunsinna ta' ħażniet u provvisti lejn il-bastimenti jew lejn l-ajruplani minn Stat Membru ieħor, li jkunu stazzjonati f'port jew f'ajruport ta' l-Istat Membru li jirrapporta, iżda jekk ikunu oġġetti mill-Komunità jew oġġetti minn barra l-Komunità li jkunu tqiegħdu taħt arranġamenti doganali ta' proċessar ta' dħul ġewwa l-pajjiż jew taħt arranġamenti ta' proċessar taħt il-kontroll tad-dwana. Din l-operazzjoni għandha tiġi meqjusa bħala kunsinna;

(b) kull kunsinna ta' ħażniet u provvisti ta' bastimenti u ajruplani minn Stat Membru ieħor lejn il-bastimenti u lejn l-ajruplani li jkunu stazzjonati f'port jew f'ajruport ta' l-Istat Membru li jirrapporta. Din l-operazzjoni għandu tiġi meqjusa bħala wasla.

2. Il-prospetti ta' kull xahar dwar l-operati li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1(a), li jkunu mibgħuta mill-Istat Membru lejn il-Kummissjoni, għandhom jinkludu l-*data* li ġejja:

(a) il-kodiċi tal-prodott, skond il-kodiċi simplifikata li ġejja bħala minimu:
— 9930 24 00: oġġetti mill-Kapitoli 1 sa 24 tas-Sistema Armonizzata,
— 9930 27 00: oġġetti mill-Kapitolu 27 tas-Sistema Armonizzata,
— 9930 99 00: oġġetti klassifikati xi mkien ieħor;

(b) il-kodiċi speċifika għall-pajjiż QR (jew 951);

(ċ) il-kwantità f'massa netta;

(d) il-valur statistiku.

IL-KAPITOLU 5

KUNSINNI MAQSUMA

L-Artikolu 40

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, "kunsinni maqsuma" tfisser wasliet jew kunsinni ta' komponenti ta' oġġetti kompleti fl-istat li mhux imgħaqqda flimkien fuq numru ta' perjodi ta' rappurtaġġ għal raġunijiet kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mat-trasport.

L-Artikolu 41

Fil-prospetti ta' kull xahar mibgħuta lejn il-Kummissjoni mill-Istati Membri, id-*data* dwar wasliet u kunsinni ta' kunsinni maqsuma għandha tiġi rappurtata darba waħda biss, jiġifieri fix-xahar tal-wasla jew tal-kunsinna ta' l-aħħar kunsinna, b'indikazzjoni tal-valur totali ta' l-oġġett komplet wara li jkun imgħaqqad flimkien u bl-użu tal-kodiċi ta' klassifika għal dak l-oġġett.

IL-KAPITOLU 6

OĠĠETTI MILITARI

L-Artikolu 42

1. Statistiki dwar il-kummerċ ta' oġġetti bejn l-Istati Membri, u t-trasmissjoni tar-riżultati lejn il-Kummissjoni, għandhom ikopru kunsinni u wasliet ta' oġġetti maħsuba għal użu militari b'konformità mad-definizzjoni fis-seħħ fl-Istati Membri.

2. Il-prospetti ta' kull xahar li jkopru l-operati li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1, u li jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandhom jinkludu l-*data* li ġejja:

(a) il-kodiċi li tikkorispondi mas-sotto-diviżjoni tal-prodott klassifikat kif li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku;

(b) il-kodiċi ta' l-Istat Membru msieħeb;

(ċ) il-kwantità f'massa netta u, fejn xieraq, f'unitajiet supplimentari;

(d) il-valur statistiku.

3. Fl-Istati Membri li ma jkunux jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 minħabba s-sigriet militari, għandhom jittieħdu miżuri xierqa sabiex jiġi assigurat li, għall-anqas, il-valur statistiku tal-kunsinni u l-kunsinna ta' l-oġġetti maħsuba għal użu militari jiġu inklużi fil-prospetti ta' kull xahar mibgħuta lejn il-Kummissjoni.

IL-KAPITOLU 7

STALLAZZJONIJIET 'IL BARRA MIX-XTUT

L-Artikolu 43

1. Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu, "stallazzjonijiet 'il barra mix-xtut" tfisser it-tagħmir u l-istrumenti stallati fuq il-baħar apert sabiex ifittxu għal u jesplojtjaw riżorsi minerali.

2. Istallazzjonijiet "barranin", għall-kuntrarju ta' stallazzjonijiet "nazzjonali", tfisser dawk l-istallazzjonijiet li għalihom tkun responsabbli persuna naturali jew legali u li l-użu kummerċjali tagħhom ikun stabbilit fi Stat Membru ieħor.

L-Artikolu 44

1. Fi Stat Membru partikolari, l-istatistika dwar kummerċ bejn l-Istati Membri, u t-trasmissjoni tar-riżultati lill-Kummissjoni, għandhom ikopru:

(a) il-kunsinna ta' oġġetti lil stallazzjoni nazzjonali, direttament minn Stat Membru ieħor jew minn stallazzjoni barranija. Din l-operazzjoni għandha titqies bħala wasla;

(b) il-kunsinna ta' oġġetti minn stallazzjoni nazzjonali lil Stat Membru ieħor jew lil istallazzjoni barranija. Din l-operazzjoni għandha titqies bħala kunsinna;

(ċ) il-wasla ta' oġġetti minn stallazzjoni barranija fit-territorju statistiku ta' dan l-Istat Membru;

(d) il-kunsinna ta' oġġetti lil stallazzjoni barranija mit-territorju statistiku ta' dan l-Istat Membru.

2. Il-prospetti ta' kull xahar li jkopru l-operati li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1, u li jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandhom jinkludu l-*data* li ġejja:

(a) il-kodiċi li jikkorrispondi mas-sotto-diviżjoni tal-klassifika tal-prodott li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku.

Iżda, minħajr preġudizzju għar-Regolamenti Doganali, jekk l-oġġetti huma dawk li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 38, l-Istati Membri għandu jkollhom l-għażla li jużaw il-kodiċijiet simplifikati dikjarati fl-Artikolu 39(2)(a);

(b) il-kodiċi ta' l-Istat Membru msieħeb.

B'danakollu, minħajr preġudizzju għar-Regolamenti Doganali, fil-każ ta' oġġetti ġejjin minn jew destinati għal stallazzjonijiet, il-pajjiż imsieħeb għandu jkun dak il-pajjiż fejn ikunu stabbiliti l-persuni naturali jew legali responsabbli għall-użu kummerċjali ta' l-istallazzjoni inkwistjoni. Fejn dan it-tagħrif mhux disponibbli, il-kodiċi QV (jew 959) għandu jintuża;

(ċ) il-kwantità f'massa netta;

(d) il-valur statistiku.

IL-KAPITOLU 8

VETTURI SPAZJALI

L-Artikolu 45

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu,

(a) "vetturi spazjali" tfisser vetturi bħal ma huma satelliti li jivvjaġġaw fl-ispazju 'l barra mill-atmosfera tad-dinja;

(b) "pussess ta' vettura spazjali" tfisser il-fatt tar-reġistrazzjoni ta' persuna naturali jew legali bħala l-possessur ta' vettura spazjali.

L-Artikolu 46

1. L-istatistika dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri, u t-trasmissjoni tar-riżultati lejn il-Kummissjoni, għandhom ikopru:

(a) il-kunsinna jew il-wasla tal-vettura spazjali sakemm isir ix-xogħol b'kuntratt jew wara li jkun sar;

(b) it-titjira lejn l-ispazju ta' vettura spazjali li kienet soġġetta għal trasferiment tal-possessur bejn żewġ persuni naturali jew legali stabbiliti fi Stati Membri differenti. Din l-operazzjoni tiġi rekordjata:

— bħala kunsinna fl-Istat Membru fejn tinbena u titlesta l-vettura spazjali,

— bħala wasla fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-pussessur il-ġdid;

(ċ) it-trasferiment tal-vettura spazjali, waqt li tkun f'orbita, bejn żewġ persuni naturali jew legali stabbiliti fi Stati Membri differenti. Din l-operazzjoni tiġi rekordjata:

— bħala kunsinna fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-possessur ta' qabel,

— bħala wasla fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-pussessur il-ġdid.

2. Il-prospetti ta' kull xahar dwar l-operati li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 1(b) u (ċ), u li jiġu mibgħuta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri, għandhom jinkludu d-*data* li ġejja:

(a) il-kodiċi li jikkorrispondi mas-suddiviżjoni tal-klassifika li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku;

(b) il-kodiċi ta' l-Istat Membru msieħeb.

Għall-kunsinni li hemm referenza dwaru fil-paragrafu 1(b)u (ċ), l-Istat Membru msieħeb huwa l-pajjiż li fih tkun stabbilita l-persuna naturali jew legali li lilha ikun trasferit il-possess tal-vettura spazjali.

Għall-wasliet li hemm referenza dwarhom fil-paragafu 1(b), l-Istat Membru msieħeb huwa l-pajjiż fejn tinbena u titlesta l-vettura spazjali.

Għall-wasliet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1(ċ), l-Istat Membru msieħeb huwa l-pajjiż fejn tkun stabbilita l-persuna naturali jew legali li titrassferixxi l-pussess tal-vettura spazjali;

(ċ) il-kwantità f'massa netta u unitajiet supplimentari;

(d) il-valur statistiku.

Għall-wasliet li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu 1(b), il-valur statistiku jinkludi l-ispejjeż tat-trasport u ta' l-assigurazzjoni dwar il-ġarr lejn il-bażi tat-titjir u l-vjaġġ spazjali.

IL-KAPITOLU 9

DISPOŻIZZJONIJIET OĦRA

L-Artikolu 47

Dawk l-Istati Membri li jixtiequ jiksbu aktar tagħrif dettaljat minn dak li jirriżulta mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 21 tar-Regolament Bażiku jistgħu, permezz ta' deroga minn dan l-Artikolu, jorganizzaw il-ġabra ta' dan it-tagħrif, għal grupp speċifiku wieħed jew aktar ta' prodotti, sakemm il-parti responsabbli li tipprovdi t-tagħrif titħalla li tagħżel li tissupplixxih bi qbil jew man-Nomenklatura Magħquda jew b'suddiviżjonijiet addizjonali.

Dawn l-Istati Membri li jeżerċitaw din il-għażla għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni li jkunu sejrin jagħmlu hekk. Fl-istess waqt, għandhom jagħtu r-raġunijiet għad-deċiżjoni tagħhom, jissupplixxu l-lista tas-sub-intestaturi relevanti fin-Nomenklatura Magħquda u jiddeskrivu l-metodu tal-ġbir li jkunu qegħdin jużaw.

IT-TITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

L-Artikolu 48

L-Istati Membri għandhom jibagħtu lejn il-Kummissjoni (Eurostat) r-riżultati ta' kull xahar ta' l-istatistika tagħhom dwar il-kummerċ bejn l-Istati Membri, ikkumpilati bi qbil mar-Regolament Bażiku, mhux aktar tard minn:

— tmien ġimgħat wara t-tmiem tax-xahar ta' referenza fil-każ tal-valuri totali, maqsuma skond l-Istat Membru tad-destinazzjoni mal-kunsinna u ta' l-Istat Membru tal-kunsinna mal-wasla,

— 10 ġimgħat wara t-tmiem tax-xahar ta' riferenza fil-każ ta' riżultati dettaljati li joffru d-*data* kollha li hemm referenza dwarha fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament Bażiku.

L-Artikolu 49

1. Ir-Regolament (KEE) Nru 3046/92, b'eċċezzjoni ta' l-Artikolu 22, u r-Regolamenti li jemendawh [1], ir-Regolament (KEE) Nru 2256/92 u r-Regolamenti (KE) Nru 1125/94 u Nru 2820/94 huma mħassra b'effett mill-1 ta' Jannar 2001.

2. Referenzi għar-Regolamenti mħassra għandhom jitqiesu li jirreferu għal dan ir-Regolament u jinqraw skond it-tabella ta' korrispondenza fl-Anness V.

L-Artikolu 50

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jibda japplika mill-1 ta' Jannar 2001.

[1] Ir-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 2385/96 (ĠU L 326, tas-17.12.1996, p. 10), (KE) Nru 860/97 (ĠU L 123, tal-15.5.1997, p. 12), (KE) Nru 1894/98 (ĠU L 245, ta' l-4.9.1998, p. 36) u (KE) Nru 2535/98.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Settembru 2000.

Għall-Kummissjoni

Pedro SOLBES MIRA

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Lista ta' eżenzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 21

Data m'hix meħtieġa għall-oġġetti li ġejjin:

(a) mezzi ta' pagamenti li huma f'ċirkolazzjoni bil-liġi, u titoli;

(b) deheb monetarju;

(ċ) għajnuna ta' emerġenza għal żoni ta' diżastru;

(d) minħabba n-natura diplomatika jew simili ta' l-użu maħsub tagħhom:

1. oġġetti li jibbenefikaw minn immunità diplomatika, konsulari jew simili;
2. rigali lil kapijiet ta' l-istat jew lil membri tal-gvern jew tal-Parlament;
3. oġġetti fiċ-ċirkolazzjoni fil-qafas ta' għajnuna amministrattiva reċiproka;

(e) basta li l-kummerċ ikun temporanju:

1. oġġetti maħsuba għall-fieri jew esibizzjonijiet;
2. xenarju teatrali;
3. karoselli u attrazzjonijiet oħra tal-fieri;
4. tagħmir professjonali fit-tifsira tal-Konvenzjoni Internazzjonali tat-8 ta' Ġunju 1968;
5. pellikoli ċinematografiċi;
6. apparat u tagħmir għal għanijiet sperimentali;
7. annimali għall-wiri, tagħmir, tiġrijiet, eċċ.;
8. kampjuni kummerċjali;
9. mezzi ta' trasport, kontenituri u tagħmir konness mat-trasport;
10. oġġetti għat-tiswija ta' mezzi tat-trasport, kontenituri u tagħmir relatat mat-trasport u bċejjeċ mibdula matul it-tiswija;
11. ippakkjar;
12. oġġetti b'kiri;
13. impjanti u tagħmir għal xogħlijiet ta' inġinerija ċivili;
14. oġġetti destinati għal eżamijiet, analiżi jew għanijiet ta' testijiet;

(f) basta li mhumiex is-suġġett ta' transazzjoni kummerċjali:

1. dekorazzjonijiet, distinzjonijiet u premji onorarji, simboli u medalji kommemorattivi;
2. tagħmir għal waqt l-ivvjaġġar, ikel u oġġetti oħra, inkluż tagħmir sportiv, maħsub għal użu jew konsum personali li jakkumpanja, jippreċiedi jew isegwi l-vjaġġatur;
3. ilbies ta' l-għarusa, oġġetti involuti fil-ġarr ta' dar, jew oġġetti ta' wirt tal-familja li jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra;
4. twiebet, urni funebri, oġġetti ta' ornament funebru u oġġetti għaż-żamma sewwa ta' oqbra u monumenti funebri;
5. materjal stampat ta' pubbliċità, struzzjonijiet għall-użu, listi ta' prezzijiet u oġġetti oħra ta' pubbliċità;
6. oġġetti li ma jibqgħux aktar ta' użu, jew li ma jistgħux jiġu użati għal għanijiet industrijali;
7. saborra;
8. bolol tal-posta;
9. prodotti farmaċewtiċi użati f'okkażjonijiet sportivi internazzjonali;

(g) prodotti użati bħala parti minn miżuri eċċezzjonali komuni għall-protezzjoni ta' persuni jew ta' l-ambjent;

(h) oġġetti li huma bla ħsara għal traffikar mhux kummerċjali bejn persuni residenti fiż-żona li tmiss ma' l-Istati Membri (traffiku trans-fruntiera); prodotti miksuba minn produtturi agrikoli fuq proprjetajiet lokati 'l barra minn, jew imissu ma', territorju statistiku li ġewwa fih ikollhom l-impriża ewliena tagħhom;

(i) oġġetti li joħorġu 'l barra minn territorju statistiku biex jerġgħu lura fih wara li jkunu qasmu fruntiera barranija, jew direttament, jew b'waqfien inerenti fis-sistema tat-trasport;

(j) oġġetti kkunsinnati lil persuni tal-forzi armati nazzjonali 'l barra mit-territorju statistiku kif ukoll oġġetti riċevuti minn Stat Membru ieħor li jkunu nġarrew 'il barra mit-territorju statistiku mill-forzi armati nazzjonali, kif ukoll oġġetti miksuba jew meqruda fuq it-territorju statistiku ta' Stat Membru mill-forzi armati ta' Stat Membru ieħor li jkunu stazzjonati fih;

(k) oġġetti użati bħala ġarrara ta' tagħrif bħalma huma *floppy disks*, żigarelli tal-linka għall-kompjuter, pellikola, pjani/dijagrammi, żigarelli għas-smigħ bl-awdjo jew għall-*video*, *CD-ROM*s li jkunu nnegozjati sabiex jipprovdu tagħrif, fejn magħmula u/jew żviluppati fuq ordni minn klijent partikulari jew fejn ma humiex soġġetti għal transazzjoni kummerċjali, kif ukoll oġġetti li jikkumplimentaw kunsinna preċedenti, eż. aġġornament, u li għalih ir-riċevitur ma jirċevix fattura;

(l) pjattaformi li jtajru satelliti,

— mal-kunsinna u mal-wasla kif ikunu sejrin jisparaw lejn l-ispazju,

— fil-waqt li jittellgħu fl-ispazju.

L-ANNESS II

Lista tas-sub-intestaturi fin-Nomenklatura Magħquda li hemm referenza dwarha fil-punt (a) ta' l-Artikolu 23

0105 11 11
0105 11 19
0105 11 91
0105 11 99
0105 12 00
0105 19 20
0105 19 90

0407 00 11

2202 10 00
2202 90 10
2202 90 91
2202 90 95
2202 90 99

2203 00 01
2203 00 09
2203 00 10

2204 10 11
2204 10 19
2204 10 91
2204 10 99
2204 21 10
2204 21 11
2204 21 12
2204 21 13
2204 21 17
2204 21 18
2204 21 19
2204 21 22
2204 21 24
2204 21 26
2204 21 27
2204 21 28
2204 21 32
2204 21 34
2204 21 36
2204 21 37
2204 21 38
2204 21 42
2204 21 43
2204 21 44
2204 21 46
2204 21 47
2204 21 48
2204 21 62
2204 21 66
2204 21 67
2204 21 68
2204 21 69
2204 21 71
2204 21 74
2204 21 76
2204 21 77
2204 21 78
2204 21 79
2204 21 80
2204 21 81
2204 21 82
2204 21 83
2204 21 84
2204 21 87
2204 21 88
2204 21 89
2204 21 91
2204 21 92
2204 21 93
2204 21 94
2204 21 95
2204 21 96
2204 21 97
2204 21 98
2204 21 99
2204 29 10
2204 29 12
2204 29 13
2204 29 17
2204 29 18
2204 29 42
2204 29 43
2204 29 44
2204 29 46
2204 29 47
2204 29 48
2204 29 58
2204 29 62
2204 29 64
2204 29 65
2204 29 71
2204 29 72
2204 29 75
2204 29 81
2204 29 82
2204 29 83
2204 29 84
2204 29 87
2204 29 88
2204 29 89
2204 29 91
2204 29 92
2204 29 93
2204 29 94
2204 29 95
2204 29 96
2204 29 97
2204 29 98
2204 29 99

2205 10 10
2205 10 90
2205 90 10
2205 90 90

2206 00 10
2206 00 31
2206 00 39
2206 00 51
2206 00 59
2206 00 81

2207 10 00
2207 20 00

2209 00 99

2716 00 00

3702 51 00
3702 53 00
3702 54 10
3702 54 90
5701 10 10
5701 10 91
5701 10 93
5701 10 99
5701 90 10
5701 90 90

5702 20 00
5702 31 00
5702 32 00
5702 39 10
5702 39 90
5702 41 00
5702 42 00
5702 49 10
5702 49 90
5702 51 00
5702 52 00
5702 59 00
5702 91 00
5702 92 00
5702 99 00

5703 10 00
5703 20 11
5703 20 19
5703 20 91
5703 20 99
5703 30 11
5703 30 19
5703 30 51
5703 30 59
5703 30 91
5703 30 99
5703 90 00

5704 10 00
5704 90 00

5705 00 10
5705 00 30
5705 00 90

6101 10 10
6101 10 90
6101 20 10
6101 20 90
6101 30 10
6101 30 90
6101 90 10
6101 90 90

6102 10 10
6102 10 90
6102 20 10
6102 20 90
6102 30 10
6102 30 90
6102 90 10
6102 90 90

6103 11 00
6103 12 00
6103 19 00
6103 21 00
6103 22 00
6103 23 00
6103 29 00
6103 31 00
6103 32 00
6103 33 00
6103 39 00
6103 41 10
6103 41 90
6103 42 10
6103 42 90
6103 43 10
6103 43 90
6103 49 10
6103 49 91
6103 49 99

6104 11 00
6104 12 00
6104 13 00
6104 19 00
6104 21 00
6104 22 00
6104 23 00
6104 29 00
6104 31 00
6104 32 00
6104 33 00
6104 39 00
6104 41 00
6104 42 00
6104 43 00
6104 44 00
6104 49 00
6104 51 00
6104 52 00
6104 53 00
6104 59 00
6104 61 10
6104 61 90
6104 62 10
6104 62 90
6104 63 10
6104 63 90
6104 69 10
6104 69 91
6104 69 99

6105 10 00
6105 20 10
6105 20 90
6105 90 10
6105 90 90

6106 10 00
6106 20 00
6106 90 10
6106 90 30
6106 90 50
6106 90 90

6107 11 00
6107 12 00
6107 19 00
6107 21 00
6107 22 00

6107 29 00
6107 91 10
6107 91 90
6107 92 00
6107 99 00

6108 11 00
6108 19 00
6108 21 00
6108 22 00
6108 29 00
6108 31 10
6108 31 90
6108 32 11
6108 32 19
6108 32 90
6108 39 00
6108 91 10
6108 91 90
6108 92 00
6108 99 10
6108 99 90

6109 10 00
6109 90 10
6109 90 30
6109 90 90

6110 10 10
6110 10 31
6110 10 35
6110 10 38
6110 10 91
6110 10 95
6110 10 98
6110 20 10
6110 20 91
6110 20 99
6110 30 91
6110 30 99
6110 90 10
6110 90 90

6112 11 00
6112 12 00
6112 19 00
6112 31 10
6112 31 90
6112 39 10
6112 39 90
6112 41 10
6112 41 90
6112 49 10
6112 49 90

6115 11 00
6115 12 00
6115 19 00

6210 20 00
6210 30 00

6211 11 00
6211 12 00
6211 20 00
6211 32 31
6211 32 41
6211 32 42
6211 33 31
6211 33 41
6211 33 42
6211 42 31
6211 42 41
6211 42 42
6211 43 31
6211 43 41
6211 43 42

6212 10 10
6212 10 90
6212 20 00
6212 30 00

6401 10 10
6401 10 90
6401 91 10
6401 91 90
6401 92 10
6401 92 90
6401 99 10
6401 99 90

6402 12 10
6402 12 90
6402 19 00
6402 20 00
6402 30 00
6402 91 00
6402 99 10
6402 99 31
6402 99 39
6402 99 50
6402 99 91
6402 99 93
6402 99 96
6402 99 98

6403 12 00
6403 19 00
6403 20 00
6403 30 00
6403 40 00
6403 51 11
6403 51 15
6403 51 19
6403 51 91
6403 51 95
6403 51 99
6403 59 11
6403 59 31
6403 59 35
6403 59 39
6403 59 50
6403 59 91
6403 59 95
6403 59 99
6403 91 11
6403 91 13
6403 91 16
6403 91 18
6403 91 91
6403 91 93
6403 91 96
6403 91 98
6403 99 11
6403 99 31
6403 99 33
6403 99 36
6403 99 38
6403 99 50
6403 99 91
6403 99 93
6403 99 96
6403 99 98

6404 11 00
6404 19 10
6404 19 90
6404 20 10
6404 20 90

6405 10 10
6405 10 90
6405 20 10
6405 20 91
6405 20 99
6405 90 10
6405 90 90

7101 10 00
7101 21 00
7101 22 00

7103 91 00
7103 99 00

7104 10 00
7104 20 00
7104 90 00

7105 10 00
7105 90 00

7106 10 00
7106 91 10
7106 91 90
7106 92 20
7106 92 80

7108 11 00
7108 12 00
7108 13 10
7108 13 80
7108 20 00

7110 11 00
7110 19 10
7110 19 80
7110 21 00
7110 29 00
7110 31 00
7110 39 00
7110 41 00
7110 49 00

7116 10 00
7116 20 11
7116 20 19
7116 20 90

8504 10 10
8504 10 91
8504 10 99
8504 21 00
8504 22 10
8504 22 90
8504 23 00
8504 31 10
8504 31 31
8504 31 39
8504 31 90
8504 32 10
8504 32 30
8504 32 90
8504 33 10
8504 33 90
8504 34 00
8504 40 10
8504 40 20
8504 40 50
8504 40 93
8504 50 10

8518 21 90
8518 22 90
8518 29 20
8518 29 80

8539 10 10
8539 10 90
8539 21 30
8539 21 92
8539 21 98
8539 22 10
8539 29 30
8539 29 92
8539 29 98
8539 31 10
8539 31 90
8539 32 10
8539 32 50
8539 32 90
8539 39 00
8539 41 00
8539 49 10
8539 49 30

8540 11 11
8540 11 13
8540 11 15
8540 11 19
8540 11 91
8540 11 99
8540 12 00
8540 20 10
8540 20 80
8540 40 00
8540 50 00
8540 71 00
8540 72 00
8540 79 00
8540 81 00
8540 89 00

8542 13 11
8542 13 13
8542 13 15
8542 13 17
8542 13 20
8542 13 30
8542 13 42
8542 13 45
8542 13 46
8542 13 48
8542 13 49
8542 13 55

8542 13 60
8542 19 40
8542 19 55
8542 19 66

8903 91 10
8903 91 91
8903 91 93
8903 91 99
8903 92 10
8903 92 91
8903 92 99
8903 99 10
8903 99 91
8903 99 99

9001 30 00
9001 40 20
9001 40 41
9001 40 49
9001 40 80
9001 50 20
9001 50 41
9001 50 49
9001 50 80

9003 11 00
9003 19 10
9003 19 30
9003 19 90

9006 53 10
9006 53 90
9202 10 10
9202 10 90
9202 90 10
9202 90 30
9202 90 90

9203 00 90

9204 10 00
9204 20 00

9205 10 00

9207 90 10

L-ANNESS III

Lista ta' transazzjonijiet li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 25(2)

A	B
1. Transazzjonijiet li jinvolvu trasferiment attwali jew intenzjonali ta' pussess b'kompensazzjoni (finanzjarju jew mod ieħor) (ħlief it-transazzjonijiet elenkati taħt 2, 7, 8) (1) (2) (3)	1. *Outright*/xiri/bejgħ (2) 2. Ħażna għal bejgħ fil-mument tal-kunsens u wara l-prova, għall-kunsinna jew ma' l-intermissjoni ta' l-aġenti tal-kummerċ 3. Tpartit (b'kumpensazzjoni f'oġġetti) 4. Xiri personali mill-vjaġġaturi 5. Kiri finanzjarju (b'kuntratt għall-akkwist bin-nifs) (3)
2. Troddija lura ta' merkanzija wara registrazzjoni tat-transazzjoni oriġinali taħt l-ewwel kodiċi (4); tibdiliet ta' merkanzija bla ħlas (4)	1. Troddija lura ta' l-oġġetti 2. Tibdil għall-oġġetti miġjuba lura 3. Tibdil (eż. taħt garanzija) għall-oġġetti mhux miġjuba lura
3. Transazzjonijiet (mhux temporanji) li jinvolvu trasferiment ta' pussess iżda bla kumpensazzjoni (finanzjarju jew mod ieħor)	1. Oġġetti mwassla taħt programm ta' għajnuna li huma operati jew finanzjati, kollha jew parti minnhom mill-Komunità Ewropea 2. Wasliet oħra ta' għajnuna ġenerali governattivi 3. Wasliet oħra ta' għajnuna ġenerali (individwali, organizzazzjonijiet mhux governattivi) 4. Oħra
4. Operazzjonijiet b'għan ta' proċess taħt kuntratt (5) jew tiswija (6) (ħlief dawk imniżżla f'numru 7)	4. Proċessi taħt kuntratt 5. Tiswijiet u manutenzjoni b'pagament 6. Tiswijiet u manutenzjoni bla ħlas
5. Operazzjonijiet wara proċessi f'kuntratt (5) jew tiswijiet (6) (ħlief dawk imniżżla f'numru 7)	1. Processi taħt kuntratt 2. Tiswijiet u manutenzjoni b'pagament 3. Tiswijiet u manutenzjoni bla ħlas
6. Transazzjonijiet li ma jinvolvux trasferiment ta' pussess eż. kiri, self, kiri ta' ħidma (7) u użu ieħor temporanju (8), ħlief proċessi taħt kuntratt jew tiswijiet (distribuzzjoni jew ritorn)	1. Kiri, self, kiri ta' xogħol 2. Oġġetti oħra għal użu temporanju
7. Operazzjonijiet taħt proġetti ta' difiża konġunti u programmi oħra ta' produzzjoni intergovernattivi konġunti (eż. Airbus)	
8. Ħażna ta' materjal ta' kostruzzjoni u għodda għax-xogħol li jiffurmaw parti minn kostruzzjoni ġenerali jew minn kuntratt ta' inġinerija (9)	
9. Transazzjonijiet oħra	

(1) Dan il-punt ikopri ħafna dispaċċi u miġjiet, jiġifieri transazzjonijiet fir-rispett ta' liema:
— pussess hu trasferit minn resident għal persuna mhux residenti, u
— pagament jew kompensazzjoni f'oġġetti hi magħmula jew tiġi magħmula.
Ta' min jinnota li din tapplika ukoll għal oġġetti mibgħuta bejn intrapriżi relatati jew minn/għal depożiti ċentrali ta' disrtibuzzjoni, anki jekk pagament immedjat ma sarx.

(2) Li jinkludu *spare parts* u tibdiliet oħra b'pagament.

(3) Li jinlkudu kirjiet finanzjarji: il-ħlasijiet bin-nifs tal-kirjiet huma kkalkolati b'mod li jkopru kull, jew kważi kull, valur ta' l-oġġetti. Ir-riskji u premji tal-pussess huma trasferiti lil kerrej. Fl-aħħar tal-kuntratt il-kerrej isir il-leġittimu pussessur ta' l-oġġetti.

(4) Troddija lura u tibdiliet ta' dispaċċi ta' oġġetti oriġinarjament irrekordjati taħt il-punt 3 sa 9 tal-Kolonna A għandha tiġi rreġistrata taħt il-punti korispondenti.

(5) Operazzjonijiet proċesswali (li huma taħt superviżjoniji jew le tad-dwana) għandhom ikunu rreġistrati taħt il-punti 4 u 5 tal-Kolonna A. Attivitajiet proċesswali fuq il-kont ta' l-iżviluppar stess mhumiex kopriti f'dan il-punt; għandhom jiġu rreġistrati taħt il punt 1 tal-kolonna A.

(6) Tiswijiet huma r-restorazzjoni ta' oġġetti għal funzjoni oriġinali tagħhom; dan jista' jinvolvi xi bini mill-ġdid jew miljoramenti.

(7) Kiri tax-xogħol: kiri ta' kuntratti ħlief kuntratti finanzjarji (ara n-nota 3).

(8) Dan il-punt ikopri oġġetti li jiġu esportati/importati bl-intenzjoni ta' esportazzjoni/importazzjoni sussegwenti minghajr l-ebda bidla ta' pussess.

(9) It-transazzjonijiet imniżżla taħt il-punt 8 tal-kolonna A jinkludu biss oġġetti li m'humiex ikkuntjati separatament, iżda għal liema kont separat jinkludu l-valur totali tax-xogħlijiet. Meta dan mhux il-każ, it-transazzjonijiet għandhom jitniżżlu taħt il punt 1.

L-ANNESS IV

Lista ta' kunsinni li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 28

L-ewwel sub-kaxxa	Tifsira	Post li jigi indikat (1)
Kodiċi Incoterm	Incoterm ICC/ECE Geneva	
EXW	*ex-works*	lokazzjoni ta' xogħlijiet
FCA	*free carrier*	… post miftiehem
FAS	*free alongside ship*	port tat-tagħbija miftiehem
FOB	*free on board*	port tat-tagħbija miftiehem
CFR	*cost and freight (C & F)*	port tad-destinazzjoni miftiehem
CIF	*cost, insurance and freight*	port tad-destinazzjoni miftiehem
CPT	*carriage paid to*	post tad-destinazzjoni miftiehem
CIP	*carriage and insurance paid to*	post tad-destinazzjoni miftiehem
DAF	*deliver at frontier*	post ta' twassil mal-fruntiera miftiehem
DES	*delivered ex-ship*	port tad-destinazzjoni miftiehem
DEQ	*delivered ex-quay*	wara li tgħaddi mid-dwana,… port miftiehem
DDU	*delivered duty unpaid*	post tad-destinazzjoni miftiehem fil-pajjiż li qed jimporta
DDP	*delivered duty paid*	post ta' twassil fil-pajjiż li qed jimporta
XXX	Kondizzjonijiet oħra ta' twassil mhux imsemmija hawn fuq	Stqarrija preċiża ta' kundizzjonijiet speċifikati fil-kuntratt (1)

(1) Ipprovdi d-dettalji fil-kaxxa 6 jekk meħtieġ (il-formola Intrasat N biss).

It-tieni sotto-kaxxa

1. post lokalizzat fit-territorji ta' l-Istat Membru interessat
2. post lokalizzat fi Stat Membru ieħor
3. oħrajn (postijiet lokalizzati 'l barra mill-Komunità).

L-ANNESS V

Tabella ta' korrispondenzi bejn l-Artikoli ta' dan ir-Regolament u l-Artikoli tar-regolamenti mħassra

Regolament ta' l-Artikoli	L-Artikoli ta' Referenza
L-Artikolu 1	L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 2	L-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 3	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 4	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 5	L-Artikolu 5 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 6	L-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 7	L-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 8	L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 9	L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 10	L-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 11	L-Artikolu 2 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 12	L-Artikolu 3 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92 (emendat)
L-Artikolu 13	L-Artikolu 4 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92 (emendat)
L-Artikolu 14	L-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 15	L-Artikolu 7 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 16	L-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 17	L-Artikolu 9 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 18	L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 2256/92
L-Artikolu 19	(Ġdid)
L-Artikolu 20	L-Artikoli 1 u 2 tar-Regolament (KE) Nru 2820/94 (emendat)
L-Artikolu 21	L-Artikolu 20 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 22	L-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 23	L-Artikolu 11 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 24	L-Artikolu 12 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 25	L-Artikolu 13 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 26	L-Artikolu 16 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 27	L-Artikolu 17 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 28	L-Artikolu 14(1) u (2) tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 29	L-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikolu 30	L-Artikolu 19 tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92 (emendat)
L-Artikoli 31 sa 46	(L-Artikoli ġodda)
L-Artikolu 47	L-Artikolu 21(3) tar-Regolament (KEE) Nru 3046/92
L-Artikolu 48	L-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1125/94
L-Artikoli 49 u 50	(L-Artikoli ġodda)